**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Dicembru, 2020**

Numru 27

**Rikors Guramentat Nru. 239/2020**

**L-Avukat Dottor Cedric Mifsud**
**a nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera**
**Boatrust Management LDA**

**vs**

**Yes Darling Charter Company Limited**
**bhala s-sid tal-bastiment M/Y YES DARLING**
**(numru ufficjali 18108)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-27 ta' Awwissu 2018 li jghid hekk:

1) Illi fil-perjodu bejn Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), is-socjeta' rikorrenti Boatrust Management LDA ta' sede legali Rua Nova do Pina 4B, 9050-067 Funchal — Ilha da Madeira, Portugal, forniet diversi servizzi lill-bastiment M/Y YES DARLING bin-numru ufficjali 18108 u registrat taht il-bandiera marittima Maltija, proprjeta ta' Yes Darling Charter Company Limited inkorporata taht il-Ligijiet ta' Malta bl-ufficcju registrat fi 103, Palazzo Pietro Stiges, Strait Street, Valletta, VLT1436, Malta;

2) Illi s-socjeta rikorrenti ghamlet diversi pagamenti, fis-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija tnejn u disghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€25,992.89), fir-rigward ta' numru ta' fatturi mahruga kontra s-socjeta konvenuta ghal servizzi pprovduti lill-bastiment M/Y YES DARLING (kopja ta' dawn il-pagamenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. BML1 sa Dok. BML3);

3) Illi l-ammont komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija tnejn u disghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€25,992.89), jikkonsisti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf mija tlieta u ghoxrin ewro u disgha u tmenin centezmu (€22,123.89) dovuti in konnessjoni ma’ pagamenti maghmulha mis-socjeta rikorrenti f'isem is-socjeta intimata ghal merkanzija pprovduta lill-bastiment M//Y YES DARLING minn Sevenstar Yacht Transport B.V.; u fl-ammonti ta' elf mitejn u hamsin ewro (€1,250) u elfejn sitt mija u dsatax-il ewro (€2,619) rispettivament dovuti in konnessjoni ma' pagamenti maghmulha mis-socjeta rikorrenti f'isem is-socjeta konvenuta ghal servizzi pprovduti minn MamoTCV Advocates lill-bastiment M/Y YES DARLING in relazzjoni mar-registrazzjoni taghha u li sal-lum il-gurnata ghadhom ma gewx saldati (fatturi konnessi ma' dawn is-servizzi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. BML4 sa Dok. BML7);

4) Illi ghaldaqstant il-bilanc li ghadu dovut mis-socjeta konvenuta jammonta fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf disa' mija tnejn u disghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€25,992.89);

5) Illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-bastiment hija kkunsidrata bhala azzjoni in rem a tenur tas-sub-artikoli (o) u (t) tal-Artikolu 742B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant hemm lok ghal azzjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-kriterji tal-Artikolu 37(10)(a)(v) huma sodisfatti u ghalhekk konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar il-bastiment jew sehem fih;

6) Illi jekk isir bejgh jew trasferiment tal-bastiment jew trasferiment ta’ ishma fil-bastiment, iI-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi lez;

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y YES DARLING bin-numru ufficjali 18108 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg deletion certificate u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u dan ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li kull ordni maghmul minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastiment Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess Artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata u ma irrispondiex ghal kawza;

Rat l-atti u dokumenti esebiti, u semghet lid-difensur tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta attrici qed tivvanta drittijiet ta’ hlasijiet fil-konfront tas-socjeta konvenuta relatati mal-bastiment M/Y YES DARLING u li tieghu hi proprjetarja, ghar-rigward ta’ pagamenti li saru mis-socjeta attrici f’isem is-socjeta konvenuta in konessjoni ma’ servizzi provduti lil bastiment skont ricevuti ta’ pagamenti ipprezentati markati BML1 sa BML3. Dan id-debitu sallum mhux saldat. Is-socjeta attrici ghandha azzjoni in rem a bazi tal-artikolu 742B(o) u (t) u artikolu 37(10)(a)(v) tal-Kap. 234.

Minghajr ma tidhol fil-mertu tal-korrettezza tal-ammonti mitluba hemm lok ghall-azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 u kwindi t-talba attrici hi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tabiet attrici fis-sens li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/Y YES DARLING u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skont l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna notifika lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur